DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR192635** **12.12.2019**

<u>STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER</u>

***Inawgurata l-Wirja ta' Presepju Bibbliku fil-Parlament ta' Malta***

Ilbieraħ l-Ispeaker Anġlu Farrugia inawgura l-Wirja ta' Presepju Bibbliku "Christus Natus Est" ġewwa l-Parlament, imtella' mis-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ta' Ħal Luqa.

Matul id-diskors tiegħu, l-Ispeaker tkellem dwar ir-relevanza tal-Wirja ta' Presepju Bibbliku fil-Parlament ta' Malta, il-post fejn jittieħdu deċiżjonijiet importanti għal ġid tal-poplu Malti u Għawdxi.

L-Ispeaker tenna li l-messaġġ sabiħ tal-Milied "Sliem u paċi lin-nies ta' rieda tajba" għandu jispira lil kulħadd, b'mod partikulari lill-Membri tal-Parlament biex jgħixu ħajja tajba. Hu kopmpla jgħid li jqis dan il-messaġġ bħala awgurju sabiħ lill-bnedmin kollha biex jgħixu fis-sliem u fl-armonija, u jaħdmu flimkien sabiex jagħmlu affarijiet sbieħ, tajba, u bżonnjużi. Quddiem it-tarbija ta' Betlem, aħna għandna nitolbu lil Ġesù sabiex jurina is-sbuħija tal-umiltà u fl-għemejjel tagħna naħsbu aktar f'ħaddieħor.

L-Ispeaker appella lill-pubbliku sabiex iżur il-Presepju Bibbliku fil-Parlament ħalli japprezza s-snajja ta' tant artiġjana u artisti li jaħdmu flimkien biex jibnu xogħol sabiħ u opra artistika mill-ifjen. Hu awgura lis-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ta' Ħal Luqa għal ħidma tul is-snin li ilha mwaqqfa u għaraf il-ħidma tal-Każini tal-Banda bħala parti ntegrali mill-patrimonju tal-poplu Malti u Għawdxi.

Il-pubbliku hu mistieden li jżur il-Presepju Bibbliku "Christus Natus Est" fil-Parlament ta' Malta mill-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2019 sat-Tlieta, 7 ta' Jannar 2020 f'dawn il-ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ħadd bejn id-9.00 ta' filgħodu sas-6.00 ta' filgħaxija.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**